KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fit-2 ta' Ġunju 2022 [1]

Kawżi magħquda C-245/21 u C-248/21

Bundesrepublik Deutschland vertreten durch Bundesministerium des Innern, für Bau und Heimat
vs
MA,
PB (C-245/21)
u
LE (C-248/21)

(talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali – Trasferiment tal-persuna kkonċernata lejn l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tagħha – Artikoli 27 u 29 – Sospensjoni tat-trasferiment minħabba l-pandemija tal-COVID-19 – Rabta mal-protezzjoni ġudizzjarja – Konsegwenzi fuq it-terminu ta' trasferiment"

I. Introduzzjoni

1. It-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja) taħt l-Artikolu 267 TFUE jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 27(4) u tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida [2].

2. Dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari tressqu fil-kuntest ta' kawżi minn tliet ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, dwar deċiżjonijiet adottati mill-Bundesamt für Migration und Flüchtlinge (l-Uffiċċju Federali tal-Migrazzjoni u r-Refuġjati, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju"), li ddikjara l-applikazzjonijiet tagħhom għall-ażil inammissibbli wara l-konstatazzjoni li ma kien hemm l-ebda raġuni li tipprekludi t-tneħħija

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Dublin III").

tagħhom, ordna l-akkumpanjament tagħhom lejn l-Italja u ħareġ projbizzjonijiet fuq id-dħul u s-soġġorn tagħhom. Id-deċiżjonijiet ta' trasferiment lejn l-Italja, Stat Membru meqjus mill-awtoritajiet Ġermaniżi bħala responsabbli biex jeżamina dawn l-applikazzjonijiet għall-ażil, skont ir-Regolament Dublin III, ġew sospiżi mill-Uffiċċju nnifsu, fuq il-bażi tal-impossibbiltà materjali li jiġu eżegwiti d-deċiżjonijiet imsemmija minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

3. Dawn il-kawżi joffru lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi dwar il-konsegwenzi legali ta' deċiżjoni ta' sospensjoni ta' trasferiment meħuda mill-awtoritajiet amministrattivi tal-Istat Membru li jagħmel it-talba quddiem l-isfidi li ġabet il-pandemija bħala fenomenu li fixklet b'mod sinjifikattiv il-funzjonament tajjeb tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. B'mod iktar konkret, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar il-kwistjoni jekk tali deċiżjoni ta' sospensjoni għandhiex l-effett li tinterrompi d-dekors tat-terminu ta' trasferiment jew, fil-każ li t-trasferiment ma jsirx f'dan it-terminu, jekk l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali huwiex meħlus mill-obbligu tiegħu li jieħu l-inkarigu tal-persuna kkonċernata, bir-responsabbiltà tal-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil ta' din tal-aħħar tiġi b'hekk ittrasferita lill-Istat Membru li jagħmel it-talba. Minn din il-perspettiva, u sakemm il-pandemija tippersisti, dawn il-kawżi huma ta' importanza kbira għall-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

4. Ir-Regolament Dublin III jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali magħmula f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat. Il-premessi 4, 5 u 19 tar-Regolament jiddikjaraw dan li ġej f'dan ir-rigward:

"(4) Il-konklużjonijiet [tal-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu] ta' Tampere [fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999,] ippreċiżaw ukoll li s-[Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil] għandha tinkludi, fit-terminu qasir, metodu ċar u li jiffunzjona biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil.

(5) Metodu tali għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u ġusti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-persuni kkonċernati. B'mod partikolari, dan il-metodu għandu jiddetermina minnufih l-Istat Membru responsabbli, biex ikun iggarantit aċċess effettiv għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u ma jkunx kompromess l-għan tal-ipproċessar bil-ħeffa ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

[…]

(19) Sabiex tkun garantita il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-individwi kkonċernati„ għandhom ikun stabbiliti salvagwardji legali u d-dritt għal rimedju effettiv fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli, f'konformità, b'mod partikolari mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Sabiex jiġi żgurat li jiġi rispettat id-dritt internazzjonali, rimedju effettiv kontra tali deċiżjonijiet għandu jkopri kemm l-analiżi tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-eżami tas-sitwazzjoni legali u fattwali fl-Istat Membru li għalih jiġi ttrasferit l-applikant."

5. L-Artikolu 27(3) u (4) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"3. Għall-iskopijiet ta' appelli kontra, jew reviżjonijiet ta', -deċiżjonijiet ta' trasferiment, l-Istati Membri għandhom jipprevedu fil-liġi nazzjonali tagħhom li:

(a) l-appell jew ir-reviżjoni tagħti lill-applikant id-dritt li jibqa' fl-Istat Membru kkonċernat sakemm jintlaħaq l-eżitu tal-appell jew ir-reviżjoni; jew

(b) it-trasferiment huwa sospiż awtomatikament u tali sospensjoni tiskadi wara ċertu perijodu ta' żmien raġonevoli, f'liema żmien qorti jew tribunal, wara skrutinju mill-qrib u rigoruż, tkun ħadet deċiżjoni dwar jekk għandux jingħata effett sospensiv lil appell jew reviżjoni; jew

(c) il-persuna kkonċernata jkollha l-opportunità li titlob f'perijodu ta' żmien raġonevoli lil qorti jew tribunal biex jissospendi l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment sakemm jintlaħaq l-eżitu tal-appell jew reviżjoni tiegħu/tagħha L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm rimedju effettiv billi jissospendu t-trasferiment sakemm tittieħed deċiżjoni rigward l-ewwel talba għal sospensjoni. Kwalunkwe deċiżjoni dwar jekk l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment għandhiex tiġi sospiża għandha tittieħed f'perijodu ta' żmien raġonevoli, filwaqt li tippermetti skrutinju mill-qrib u rigoruż tat-talba għal sospensjoni. Deċiżjoni li l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment ma tiġix sospiża għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jaġixxu *ex officio* fis-sospensjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tat-trasferiment sakemm iseħħ l-eżitu tal-appell jew reviżjoni."

6. It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 28(3) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Meta persuna tinżamm taħt detezjoni skont dan l-Artikolu, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru rikjedenti [li jagħmel it-talba] lejn l-Istat Membru responsabbli għandu jkun eżegwit mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mill-aċċettazzjoni impliċita jew espliċita tat-talba minn Stat Membru ieħor biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata jew mill-mument meta l-appell jew reviżjoni ma jkollux jew ma jkollhiex aktar effett sospensiv skont l-Artikolu 27(3)"

7. L-Artikolu 29(1) u (2) tal-istess regolament huwa fformulat kif ġej:

"1. It-trasferiment tal-applikant […] mill-Istat Membru rikjedenti lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u l-aktar tard fi żmien sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba minn Stat Membru ieħor biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata jew tad-deċiżjoni finali wara appell jew reviżjoni fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 27(3).

[…]

2. Fejn it-trasferiment ma jsirx fiż-żmien limitu ta' sitt xhur, l-Istat Membru responsabbli għandu jitneħħewlu l-obbligi biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata u r-responsabbiltà għandha tkun trasferita lill-Istat Membru rikjedenti. Dan il-limitu ta' żmien jista' jkun estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax ikun eżegwit minħabba

priġunerija tal-persuna kkonċernata jew sa massimu ta' tmintax-il xahar jekk il-persuna kkonċernata tkun ħarbet."

B. Id-dritt Ġermaniż

1. Il-Liġi dwar l-Ażil

8. L-Artikolu 29 tal-Asylgesetz (il-Liġi dwar l-Ażil) jittratta applikazzjonijiet għall-ażil inammissibbli. L-ewwel paragrafu tiegħu jipprovdi b'mod partikolari:

"Applikazzjoni għall-ażil hija inammissibbli jekk

1. Stat ieħor huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proċedura tal-ażil

a) bis-saħħa tar-[Regolament Dublin III] jew

b) fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni Ewropea jew ta' trattat internazzjonali,

[…]"

9. L-Artikolu 34a tal-Liġi dwar l-Ażil, intitolat "Ordni ta' tneħħija", huwa fformulat kif ġej (siltiet):

"(1) Jekk iċ-ċittadin barrani għandu jitneħħa lejn pajjiż terz sikur (l-Artikolu 26bis) jew lejn Stat responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proċedura tal-ażil (il-punt 1 tal-Artikolu 29(1)), l-[Uffiċċju] għandu jordna t-tneħħija lejn dan l-Istat hekk kif jiġi stabbilit li t-tneħħija tista' ssir. […] L-ordni tat-tneħħija ma timplika la twissija minn qabel u lanqas terminu. Jekk ordni ta' tneħħija ma jkunx jista' jsir bis-saħħa tal-ewwel jew it-tieni sentenza iktar 'il fuq, l-Uffiċċju għandu javża [lill-persuna kkonċernata] li t-tneħħija tagħha lejn l-Istat ikkonċernat hija imminenti.

(2) L-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-Artikolu 80(5) tal-[Verwaltungsgerichtsordnung (il-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva)], imressqa kontra l-ordni ta' tneħħija, għandhom jiġu ppreżentati fit-terminu ta' ġimgħa li jibda jiddekorri min-notifika. Fil-każ ta' talba mressqa f'dan it-terminu, l-ebda tneħħija ma tkun awtorizzata qabel ma l-qorti tkun iddeċidiet."

2. Il-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva

10. L-Artikolu 80(4) u (5) tal-(Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva) jipprovdi:

"(4) L-awtorità li hija l-awtur tal-att amministrattiv jew l-awtorità li għandha tiddeċiedi dwar l-oppożizzjoni tista' tissospendi l-eżekuzzjoni tal-att fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor mid-dritt federali. […]

(5) Wara talba, il-qorti adita bil-mertu tat-tilwima tista' tordna l-effett sospensiv totali jew parzjali. […]"

III. Il-fatti li wasslu għall-kawżi prinċipali, il-proċeduri fil-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

A. Il-Kawża C-245/21

11. MA u PB ppreżentaw applikazzjonijiet għall-ażil fil-Ġermanja f'Novembru 2019. Peress li tfittxija fis-sistema Eurodac uriet li kienu daħlu fit-territorju Taljan b'mod irregolari u li kienu ġew irreġistrati bħala applikanti għall-protezzjoni internazzjonali f'dan l-Istat Membru, l-Uffiċċju talab, fid-19 ta' Novembru 2019, lill-awtoritajiet Taljani biex jieħdu l-inkarigu ta' MA u PB fuq il-bażi tar-Regolament Dublin III. L-awtoritajiet Taljani ma wiġbux din it-talba għal finijiet ta' teħid tal-inkarigu.

12. Permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Jannar 2020, l-Uffiċċju ċaħad bħala inammissibbli l-applikazzjonijiet għall-ażil ta' MA u PB, ikkonstata li ma kien hemm ebda raġuni li tipprekludi t-tneħħija tagħhom, ordna l-akkumpanjament tagħhom lejn l-Italja u ddikjara kontrihom projbizzjoni ta' dħul u soġġorn.

13. MA u PB ppreżentaw appell minn din id-deċiżjoni tal-Uffiċċju fl-1 ta' Frar 2020 quddiem il-qorti amministrattiva kompetenti. PB ressaq ukoll ma' dan l-appell talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment. Din it-talba ġiet miċħuda fil-11 ta' Frar 2020.

14. B'ittra tat-8 ta' April 2020, l-Uffiċċju ssospenda, sa avviż ieħor, l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' tneħħija skont l-Artikolu 80(4) tal-Kodiċi ta' Ġustizzja Amministrattiva u l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, għar-raġuni li, fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-pandemija tal-COVID-19, l-eżekuzzjoni tat-trasferimenti ma kinitx possibbli.

15. Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Awwissu 2020, il-qorti amministrattiva adita annullat id-deċiżjoni tal-Uffiċċju. Din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq il-konstatazzjoni li, jekk wieħed jassumi li r-Repubblika tal-Italja kienet responsabbli biex teżamina l-applikazzjonijiet għall-ażil ta' MA u PB, din ir-responsabbiltà ġiet ittrasferita lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja minħabba l-iskadenza tat-terminu ta' trasferiment stabbilit fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III, billi l-iskadenza ta' dan it-terminu ma kienx ġie interrott bid-deċiżjoni ta' sospensjoni meħuda mill-Uffiċċju fit-8 ta' April 2020.

16. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżentat direttament quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali), rikors għal *reviżjoni* minn din is-sentenza tal-14 ta' Awwissu 2020

B. Il-Kawża C-248/21

17. LE għamel applikazzjoni għall-ażil fil-Ġermanja f'Awwissu 2019. Peress li tfittxija fis-sistema Eurodac uriet li kien għamel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Italja fis-7 ta' Ġunju 2017, l-Uffiċċju talab lill-awtoritajiet Taljani biex jieħdu l-inkarigu ta' LE fuq il-bażi tar-Regolament Dublin III. L-awtoritajiet Taljani laqgħu din it-talba biex jieħdu l-inkarigu.

18. L-Uffiċċju ċaħad bħala inammissibbli l-applikazzjoni għall-ażil ta' LE, ikkonstata li ma kien hemm l-ebda raġuni biex joġġezzjona għat-tneħħija tiegħu, ordna l-akkumpanjament tiegħu lejn l-Italja u ħareġ projbizzjoni fuq id-dħul u s-soġġorn tiegħu.

19. Fil-11 ta' Settembru 2019, LE ppreżenta appell minn din id-deċiżjoni tal-Uffiċċju quddiem il-qorti amministrattiva kompetenti. Barra minn hekk, ressaq ukoll ma' dan l-appell talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment. Din it-talba ġiet miċħuda fl-1 ta' Ottubru 2019.

20. Permezz ta' ittra tal-24 ta' Frar 2020, l-awtoritajiet Taljani infurmaw lill-awtoritajiet Ġermaniżi li, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, it-trasferimenti lejn u mill-Italja skont ir-Regolament Dublin III ma kinux se jibqgħu jsiru.

21. Permezz ta' ittra tal-25 ta' Marzu 2020, l-Uffiċċju ssospenda, sa avviż ieħor, l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' tneħħija skont l-Artikolu 80(4) tal-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva u l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, għar-raġuni li, fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-pandemija tal-COVID-19, l-eżekuzzjoni tat-trasferiment ma kinitx possibbli.

22. Wara li ċaħdet, fl-4 ta' Mejju 2020, it-tieni talba għal sospensjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment, il-qorti amministrattiva adita annullat, permezz ta' sentenza tal-10 ta' Ġunju 2020, id-deċiżjoni tal-Uffiċċju. Din is-sentenza kienet ibbażata fuq raġunijiet simili għal dawk tas-sentenza msemmija fil-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

23. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżentat direttament quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali), rikors għal *reviżjoni* minn din is-sentenza.

C. Kunsiderazzjonijiet komuni għaż-żewġ kawżi

24. Il-qorti tar-rinviju tqis li l-appelli ppreżentati quddiemha għandhom jiġu milqugħa jekk jiġi stabbilit li s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' ordni ta' tneħħija, immotivata mill-impossibbiltà materjali ta' trasferiment minħabba l-pandemija tal-COVID-19, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III u għalhekk jista' jkollha l-effett li tinterrompi t-terminu ta' trasferiment previst fl-Artikolu 29(1) ta' dan ir-regolament.

25. Hija tqis li, għalkemm l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III jirrikjedi li s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment li huwa jipprevdi tkun marbuta mal-eżerċizzju ta' appell, l-applikazzjoni tagħha, f'sitwazzjoni bħal din inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tista' eventwalment tiġi prevista, peress li appell minn deċiżjoni ta' trasferiment tkun pendenti u l-impossibbiltà li titwettaq it-tneħħija tista', taħt id-dritt Ġermaniż, toħloq dubji dwar il-legalità ta' din id-deċiżjoni. Madankollu, għandhom jitqiesu l-għanijiet ta' dan ir-regolament kif ukoll l-interessi rispettivi tal-persuni kkonċernati u tal-Istat Membru inkwistjoni, li l-bilanċ tagħhom għandu jiġi żgurat fil-kuntest tas-saħħa attwali.

26. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Sospensjoni amministrattiva tal-infurzar tad-deċiżjoni tat-trasferiment, li hija revokabbli biss minħabba l-impossibbiltà attwali (temporanja) tat-trasferimenti kkawżata mill-pandemija COVID 19, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament [Dublin III] waqt proċeduri ta' appell ġudizzjarju?

2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv: tali deċiżjoni ta' sospensjoni twassal għal interruzzjoni tat-terminu tat-trasferiment skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III?

3) Fil-każ li r-risposta għat-tieni domanda tkun fl-affermattiv: dan japplika wkoll jekk, qabel it-tifqigħa tal-pandemija COVID 19, qorti kienet ċaħdet l-applikazzjoni mill-persuna li kienet qiegħda tfittex il-protezzjoni sabiex tiġi sospiża l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tat-trasferiment skont l-Artikolu 27(3)(c) tar-Regolament Nru 604/2013 sal-eżitu tal-proċeduri ta' appell?"

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

27. Id-deċiżjonijiet tar-rinviju fil-Kawżi C-245/21 u C-248/21, tas-26 ta' Jannar 2021, waslu fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja rispettivament fid-19 ta' April 2021 u fil-21 ta' April 2021. B'deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 2021, il-kawżi preżenti ġew magħquda għall-finijiet tal-proċeduri bil-miktub u orali kif ukoll tas-sentenza.

28. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tissottometti dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari għall-proċedura mħaffa, skont l-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fis-7 ta' Ġunju 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda, wara li sema' lill-Imħallef Relatur u lill-Avukat Ġenerali, li jiċħad din it-talba.

29. Il-Gvern Ġermaniż u Svizzeru u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu stabbilit skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

30. Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022, il-mandatarji *ad litem* ta' MA u PB, tal-Gvern Ġermaniż kif ukoll tal-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet.

V. Analiżi ġuridika

A. Osservazzjonijiet preliminari

1. Il-karatteristiċi tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil

31. Id-dritt tal-ażil huwa element essenzjali tad-dritt internazzjonali. Irrikonoxxut għall-ewwel darba fl-1951 fil-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951[3], dan id-dritt jagħti protezzjoni internazzjonali lil nies li jaħarbu mill-persekuzzjoni f'pajjiżhom stess. Fil-livell tal-Unjoni, il-ħolqien ta' żona ta' moviment liberu, bi fruntieri interni miftuħa, ħeġġet l-armonizzazzjoni tal-proċeduri tal-ażil. Fil-konklużjonijiet tiegħu mis-summit ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, il-Kunsill Ewropew kien afferma mill-ġdid l-importanza li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrispettaw b'mod assolut id-dritt li wieħed jitlob l-ażil. Ġie miftiehem li ssir ħidma għall-istabbiliment ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u komprensiva tal-Konvenzjoni ta' Genève u b'hekk

[3] *Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954)) (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Genève").

jiġi żgurat li ħadd ma jintbagħat lura fejn jerġa' jirriskja li jiġi ppersegwitat, jiġifieri li jinżamm il-prinċipju ta' non-refoulement. L-Artikolu 78(1) TFUE u l-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "il-Karta") jixhdu dan l-impenn.

32. Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil bħalissa hija rregolata minn diversi strumenti legali. L-ewwel sistema "ta' Dublin", minħabba l-post tal-firma, fil-15 ta' Ġunju 1990, tal-Konvenzjoni li tiddetermina l-Istat responsabbli milli jeżamina l-applikazzjonijiet għall-asil iddepożitati f'wieħed mill-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej [4], hija bbażata fuq il-prinċipju li Stat wieħed biss huwa kompetenti għal applikant għall-asil, b'din il-kompetenza trid tiġi ddeterminata fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi. Wara t-Trattat ta' Amsterdam, ir-Regolament (KE) Nru 343/2003 (Dublin II) [5] daħal fis-seħħ u stabbilixxa termini proċedurali u ta' trasferiment kif ukoll il-prinċipju ta' protezzjoni tal-unità tal-familja. Ir-Regolament Dublin III, adottat fuq il-bażi tat-Trattat ta' Lisbona u fis-seħħ mid-19 ta' Lulju 2013, żied, fuq l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tagħhom għall-asil [6], garanziji proċedurali għal persuni li x'aktarx jiġu ttrasferiti. Il-ħeffa fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u l-garanzija tad-dritt għal rimedju effettiv kontra d-deċiżjonijiet ta' trasferiment huma żewġ prinċipji kardinali tas-sistema ta' Dublin, li huma rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kawżi preżenti.

2. Ir-rilevanza tad-domandi preliminari għas-soluzzjoni tal-kawżi prinċipali

33. L-importanza tal-kwistjoni dwar jekk l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali għandhomx is-setgħa li jissospendu l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment u li jinterrompu id-dekors tat-terminu ta' trasferiment hija spjegata mill-partikolaritajiet tal-interazzjonijiet bejn id-dritt tal-Unjoni u d-dritt nazzjonali li għandu jiġi spjegat fil-qosor. Skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III, il-perijodu ta' trasferiment jibda mill-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-Istat Membru l-ieħor. Madankollu, jekk l-applikant jippreżenta appell mid-deċiżjoni ta' trasferiment, il-perijodu ta' żmien jibda jiddekorri biss mid-deċiżjoni finali fuq l-appell, li jdewwem il-bidu tal-perijodu ta' trasferiment. Madankollu, il-prekundizzjoni għal dan hija li l-appell ikollu effett sospensiv, skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Dublin III.

34. Fid-dritt Ġermaniż, rikors għal annullament kontra ordni ta' tneħħija bis-saħħa tal-Artikolu 75(1) tal-Liġi dwar l-Asil ma għandux effett sospensiv. Madankollu, il-persuni kkonċernati jistgħu jressqu, fi żmien ġimgħa, talba għal effett sospensiv bis-saħħa tal-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34a(2) ta' din il-liġi. Jekk it-talba għal miżuri provviżorji ma tkunx tressqet jew tkun ġiet miċħuda, il-perijodu ta' trasferiment jibda jiddekorri; din is-sitwazzjoni, matul il-pandemija tal-COVID-19, esponiet lill-awtoritajiet amministrattivi għal diffikultajiet, b'mod partikolari biex josservaw it-terminu ta' trasferiment. F'tali ċirkustanzi, l-awtoritajiet amministrattivi Ġermaniżi rrikorrew għall-possibbiltà li jinterrompu t-terminu billi jissospendu l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment, skont l-Artikolu 80(4) tal-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva. Madankollu, dan iqajjem il-kwistjoni dwar jekk tali approċċ huwiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

[4] ĠU 1997, C 254, p. 1.

[5] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Stat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 109).

[6] Warin, C., "Le contentieux du règlement Dublin III", *Droit luxembourgeois et européen de l'asile* (dir. F. Chaouche, J. Gerkrath, J. Silga, J. Sinnig, C. Warin), Lussemburgu 2019, p. 118.

35. It-tliet domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju huma marbuta intrinsikament sa fejn huwa meħtieġ biss li jiġu eżaminati t-tieni u t-tielet domanda jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv. Fl-interess ta' analiżi strutturata u komprensibbli ta' dawn id-domandi preliminari, huwa propost li jiġu eżaminati flimkien u li tingħata risposta ċara li tippermetti lill-qorti tiddeċiedi l-kawżi prinċipali. Dawn id-domandi jirrigwardaw, essenzjalment, il-possibbiltà tal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali li jissospendu, fuq il-bażi tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment u li jiġi interrott id-dekors tat-terminu ta' trasferiment stabbilit minn l-Artikolu 29(1) tal-imsemmi regolament.

36. L-analiżi ta' dawn id-domandi teħtieġ fl-ewwel lok li tiġi enfasizzata r-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq [7] u fit-tieni lok, li jiġi eżaminat jekk l-impossibbiltà materjali li jitwettaq tali trasferiment minħabba l-pandemija tal-COVID-19 tikkostitwixxix raġuni leġittima li tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali li jirrikorru għad-dispożizzjonijiet imsemmija [8]. Ser neżamina dan l-aħħar punt fid-dettall inkwantu jinsab fil-qalba tal-kawżi preżenti, filwaqt li nikkunsidra ċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża prinċipali [9].

B. Fuq ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 27(4) u l-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III

1. Interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti fid-dawl tal-ġurisprudenza

37. Ir-rikonoxximent tal-possibbiltà għall-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali li jissospendu l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment u, konsegwentement, li jinterrompu id-dekors tat-terminu ta' trasferiment, jeħtieġ analiżi tar-relazzjoni li teżisti bejn id-dispożizzjonijiet rilevanti.

38. Bis-saħħa tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, l-"[i]stati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jaġixxu *ex officio* fis-sospensjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tat-trasferiment". L-Artikolu 29(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi li t-"trasferiment tal-applikant jew persuna oħra […] mill-Istat Membru rikjedenti lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit […] wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u l-aktar tard fi żmien sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba minn Stat Membru ieħor biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata jew tad-deċiżjoni finali wara appell jew reviżjoni fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 27(3)".

39. Kif jirriżulta minn qari flimkien tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, l-ewwel diffikultà biex jiġi ddeterminat kif dawn huma relatati ma' xulxin tirriżulta mill-fatt li l-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III jirreferi għall-paragrafu 3, u mhux għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament.

40. Madankollu, ma nikkunsidrax li dan in-nuqqas ta' riferiment espliċitu għall-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III jista' jipprekludi interpretazzjoni fis-sens li l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali għandu jkollhom is-setgħa li jinterrompu id-dekors tat-terminu ta' trasferiment wara sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment inkwistjoni.

7 Ara l-punti 37 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

8 Ara l-punti 47 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

9 Ara l-punti 75 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

Għall-kuntrarju, jidhirli li jeżistu argumenti favur it-teżi li l-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi wkoll sospensjoni ordnata mill-awtoritajiet nazzjonali fuq il-bażi tal-Artikolu 27(4) ta' dan ir-regolament.

41. Mill-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III jirriżulta li t-terminu għall-eżekuzzjoni tat-trasferiment jibda jiddekorri biss meta t-twettiq futur tat-trasferiment ikun, bħala prinċipju, miftiehem u żgurat u jibqgħu biss x'jiġu rregolati l-modalitajiet tiegħu. Madankollu, dan ma jkunx il-każ sakemm l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment tkun sospiża, sa tmiem l-appell jew ir-reviżjoni.

42. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li ma teżisti *ebda raġuni oġġettiva biex issir distinzjoni* bejn sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment bis-saħħa tal-Artikolu 27(3) jew tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III. Fiż-żewġ każijiet, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni hija marbuta ma' appell ippreżentat mid-deċiżjoni ta' trasferiment u l-Istati Membri kkonċernati jaffaċċjaw l-istess diffikultajiet prattiċi fl-organizzazzjoni tat-trasferiment. Għalhekk, fiż-żewġ każijiet, għandu jkollhom l-istess terminu ta' sitt xhur li jistgħu jagħmlu użu sħiħ minnu biex isolvu l-arranġamenti tekniċi għat-twettiq tat-trasferiment.

43. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tar-regola applikabbli dwar it-terminu, stabbilita fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament Dublin III, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, għalkemm din ir-regola tirreferi biss għall-paragrafu 3 u mhux għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament fir-rigward tal-bidu tat-terminu, dan it-terminu ma jibdiex jiddekorri ħlief fil-mument meta l-appell jew ir-reviżjoni ma jibqax ikollhom effett sospensiv u meta s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment ma tkunx ġiet mitluba speċifikament, bħal fil-każ tal-Artikolu 27(4) tal-imsemmi regolament, mill-persuna kkonċernata [10].

44. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll *ix-xebh tat-termini użati* fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 28(3) u fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(1) tal-istess regolament. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fis-sens li t-terminu għat-twettiq tat-trasferiment jibda jiddekorri mill-aċċettazzjoni tat-talba għall-finijiet ta' teħid tal-inkarigu jew ta' teħid lura tiegħu, anki meta l-awtorità kompetenti tagħmel użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, fil-prattika ċċaħħad ferm din id-dispożizzjoni mill-effett utli tagħha. Fil-fatt, ma setgħetx tintuża mingħajr ma jkun hemm ir-riskju li tostakola t-twettiq tat-trasferiment fit-termini stabbiliti minn dan ir-regolament [11].

45. Il-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq iwassluni biex naħseb li t-terminu msemmi fl-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament Dublin III ma jistax jibda jiddekorri sakemm deċiżjoni amministrattiva meħuda skont l-Artikolu 27(4) ta' dan ir-Regolament ma tissospendix l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment fl-istennija tal-eżitu tal-appell ippreżentat mill-persuna kkonċernata.

2. Konklużjoni intermedja

46. Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali għandhom, bħala prinċipju, il-possibbiltà li jissospendu l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment u, konsegwentement, li jinterrompu d-dekors tat-terminu ta' trasferiment.

[10] Sentenza tat-13 ta' Settembru 2017, Khir Amayry (C-60/16, EU:C:2017:675, punti 63 sa 73).

[11] Sentenza tat-13 ta' Settembru 2017, Khir Amayry (C-60/16, EU:C:2017:675, punti 70 u 71).

C. Fuq il-possibbiltà tal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali li jissospendu l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment u, konsegwentement, li jinterrompu d-dekors tat-terminu ta' trasferiment għal raġunijiet ta' impossibbiltà materjali marbuta mal-pandemija

47. Kif diġà ġie indikat fir-rimarki introduttorji tiegħi, il-kwistjoni dwar jekk l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali għandhomx din il-possibbiltà, minħabba l-fatt li ma jistgħux iwettqu materjalment trasferiment minħabba l-pandemija tal-COVID-19, tinsab fil-qalba ta' dawn il-kawżi.

48. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jiġi ddeterminat, permezz ta' użu ta' metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk miżura bħal din meħuda mill-awtoritajiet Ġermaniżi fil-kawżi prinċipali taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III.

1. Applikazzjoni ta' metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti fil-ġurisprudenza

49. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżit ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta li, sa fejn dispożizzjoni tiegħu ma tirreferixxix għad-dritt tal-Istati Membri meta tikkonċerna kunċett partikolari, din tal-aħħar għandha tingħata, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tintalab billi jitqiesu mhux biss it-termini tad-dispożizzjoni kkonċernata, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni li minnhom tagħmel parti din id-dispożizzjoni [12].

a) Interpretazzjoni letterali

50. Il-kliem tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III jindika li din id-dispożizzjoni tirreferi għal deċiżjonijiet amministrattivi li jkunu ġew adottati fid-dawl ta' appell ippreżentat mill-persuna kkonċernata. Fil-fatt, skont din id-dispożizzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu "li jaġixxu *ex officio* fis-sospensjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tat-trasferiment *sakemm iseħħ l-eżitu* tal-appell jew reviżjoni" [13]. Il-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni għalhekk jippresupponi b'mod ċar *l-eżistenza ta' relazzjoni bejn l-appell ippreżentat mill-persuna kkonċernata u d-deċiżjoni ta' sospensjoni tal-awtoritajiet*.

51. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Ġermaniż fl-osservazzjonijiet tiegħu, din ir-rabta ma hijiex limitata għal korrispondenza purament temporali. L-analiżi tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti tagħmilha possibbli li jiġi interpretat l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III fis-sens li d-deċiżjoni ta' sospensjoni trid tkun ittieħdet *bil-ħsieb li jiġi protett l-istatus legali* tal-applikant għall-ażil matul il-proċedura tal-appell jew tar-reviżjoni kollha [14]. Din il-konklużjoni hija kkonfermata b'metodi oħra ta' interpretazzjoni.

[12] Sentenza tad-19 ta' Marzu 2019, Jawo (C-163/17, EU:C:2019:218, punt 55).

[13] Enfasi miżjuda minni.

[14] Ara l-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola ("para suspender […] hasta la resolución del recurso o revisión"); Daniża ("udsætte […] indtil resultatet af klagen eller indbringelsen foreligger"); Ġermaniża ("um […] bis zum Abschluss des Rechtsbehelfs oder der Überprüfung auszusetzen"); Estonjana ("kuni vaidlustamise või läbivaatamise tulemuse selgumiseni"); Ingliża ("to suspend […] pending the outcome of the appeal or review"); Taljana: ("sospendere […] in attesa dell'esito del ricorso o della revisione"); Olandiża ("[…] op te schorten in afwachting van de uitkomst van het beroep of het bezwaar"), u Portugiża ("suspender […] enquanto se aguarda o resultado do recurso ou da revisão").

b) Interpretazzjoni sistematika

52. Il-pożizzjoni sistematika tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III tikkonferma li deċiżjonijiet amministrattivi li jissospendu l-eżekuzzjoni *li huma inċidentali għal appell* ippreżentat mill-persuna kkonċernata biss jistgħu jiġu koperti minn din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, kif jirriżulta mit-titolu ("Rimedji") u mill-Artikolu 27(1) ta' dan ir-regolament, l-imsemmi artikolu jirrigwarda l-appelli ppreżentati mill-persuna kkonċernata. Għalhekk, *id-deċiżjonijiet amministrattivi meħuda fir-rigward ta' tali appell biss jistgħu jkunu koperti* mill-Artikolu 27(4) tal-imsemmi regolament.

53. Il-pożizzjoni ta' din id-dispożizzjoni fl-istruttura tar-Regolament Dublin III fis-sens wiesa' targumenta wkoll favur il-ħtieġa ta' tali rabta. B'mod partikolari, il-fatt li din id-dispożizzjoni taqa' taħt it-Taqsima IV ("Salvagwardji Proċedurali") jippermetti li jiġi enfasizzat l-għan leġiżlattiv, iddikjarat fil-premessa 19 ta' dan ir-regolament, li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-persuni kkonċernati, billi jiġu stabbiliti salvagwardji legali u d-dritt għal rimedju effettiv fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli skont, b'mod partikolari, l-Artikolu 47 tal-Karta.

c) Intepretazzjoni teleoloġika

1) Kunsiderazzjonijiet marbuta mal-għan li tiġi ggarantita protezzjoni ġudizzjarja effettiva

54. Interpretazzjoni teleoloġika teħtieġ li jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, hija wkoll, l-importanza tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment mitluba mill-persuna kkonċernata quddiem qorti fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 27(3) sa (6) tar-Regolament Dublin III. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat fil-ġurisprudenza tagħha li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li jinvolvi lil applikanti għall-ażil f'dan il-proċess, billi jobbliga lill-Istati Membri jiggarantulhom dritt effettiv ta' appell mid-deċiżjoni ta' trasferiment meħuda eventwalment fi tmiem il-proċess [15].

55. Għar-raġunijiet esposti fil-punti preċedenti f'dawn il-konklużjonijiet, jiena konvint li l-possibbiltà mogħtija lill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali, taħt l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, li jiddeċiedu *ex officio* li jissospendu l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment *ma tistax tkun dissoċjata mill-funzjoni tagħha li tiggarantixxi protezzjoni ġudizzjarja effettiva* lill-persuna kkonċernata.

56. Għalhekk inqis li interpretazzjoni wiesgħa żżejjed tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, li tippermetti lill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali jissospendu l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment, indipendentement minn appell ippreżentat mill-persuna kkonċernata, ikollha l-konsegwenza inevitabbli li jkunu jistgħu jiddeferixxu, għal kwalunkwe raġuni, it-trasferiment tal-persuna kkonċernata lejn l-Istat Membru responsabbli, mingħajr ma dan ikollu konsegwenzi għat-trasferiment bejn l-Istati Membri tar-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

57. Madankollu, jidhirli li tali sitwazzjoni tmur preċiżament kontra l-għan imfittex mir-Regolament Dublin III li jiġi stabbilit metodu biex jiġi ddeterminat malajr l-Istat Membru responsabbli mingħajr ma jiġi kompromess l-għan ta' ħeffa fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet

[15] Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Ghezelbash (C-63/15, EU:C:2016:409, punti 50 sa 52).

għall-ażil, imsemmi fil-premessa 5 ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, applikant għall-ażil jitħalla għar-rieda tal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali, b'dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jestendu ż-żmien ta' stennija, filwaqt li dan iż-żmien jista' jintuża b'mod iktar effiċjenti għall-ipproċessar tal-applikazzjoni tiegħu għall-ażil.

58. Barra minn hekk, jidhirli li estensjoni tat-terminu ta' sitt xhur, previst għat-twettiq tat-trasferiment, *tista' tiġi ġġustifikata biss mill-interess tal-persuna kkonċernata li jkollha kjarifika minn awtorità ġudizzjarja tal-legalità tad-deċiżjoni tat-trasferiment*, u mhux fl-interess, ikun xi jkun, tal-awtoritajiet amministrattivi li jaraw li d-deċiżjoni tiġi sospiża. Fil-fatt, għandu jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat f'diversi okkażjonijiet li "l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni jissagrifika l-protezzjoni ġudizzjarja tal-applikanti għall-ażil għar-rekwiżit ta' ħeffa fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil"[16]. Minn dan isegwi li l-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma kellha l-intenzjoni li tħalli lill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali marġni ta' manuvra illimitat fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom. Dan japplika b'mod partikolari għall-possibbiltà mogħtija mill-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III li, kif tindika l-qorti tar-rinviju stess, jistabbilixxi ċerti limiti għall-kamp ta' applikazzjoni vast miftuħ mid-dritt nazzjonali.

59. Jien għalhekk tal-fehma li interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali jinterrompu kif jogħġobhom id-dekors tat-terminu ta' trasferiment minħabba diffikultà prattika, tkun xi tkun, li jiltaqgħu magħha fil-kuntest tal-attività tagħhom, ma tkunx konformi mas-sistema stabbilita mir-Regolament Dublin III.

2) Kunsiderazzjonijiet marbuta mal-obbligu li jinġarr ir-riskju ta' impossibbiltà materjali eventwali tat-trasferiment

60. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li każijiet simili diġà kienu s-suġġett ta' leġiżlazzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni jew ġew irrikonoxxuti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u li fihom kien espliċitament previst li r-responsabbiltà li tiġi eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tiġi ttrasferita lill-Istat Membru li jagħmel it-talba. Jidhirli rilevanti, għall-finijiet ta' din l-analiżi, li nsemmi żewġ każijiet li fihom impossibbiltà materjali li wieħed jipproċedi bit-trasferiment tal-applikant għall-ażil kellha preċiżament il-konsegwenza ta' tali trasferiment ta' responsabbiltà.

61. Minn naħa, hemm ix-xenarju msemmi fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III, li jipprovdi li l-Istat Membru li jwettaq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil innifsu jsir Stat Membru responsabbli meta t-trasferiment ikun impossibbli minħabba "*difetti sistemiċi* fil-proċedura tal-asil u fil-kondizzjonijiet ta' akkoljenza għall-applikanti f'dak l-Istat Membru, li jirriżultaw f'riskju ta' trattament inuman jew degradanti" fl-Istat Membru inizjalment innominat bħala responsabbli u meta l-ebda Stat Membru ieħor ma jkun jista' jiġi indikat bħala responsabbli. F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed jinnota li din id-dispożizzjoni tikkodifika l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif stabbilita fil-kawżi ta' N. S. *et*.[17]

62. Min-naħa l-oħra, nixtieq infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza mogħtija fil-kawża ta' C.K. *et*, li, fl-ipoteżi fejn *l-istat ta' saħħa* tal-applikant għall-ażil kkonċernat ma jippermettix lill-Istat Membru li jagħmel it-talba biex jipproċedi bit-trasferiment tiegħu qabel l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III, l-Istat

16 Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Ghezelbash (C-63/15, EU:C:2016:409, punt 57).

17 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011 (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865).

Membru responsabbli jinħeles mill-obbligu tiegħu li jieħu l-inkarigu tal-applikant għall-ażil u r-responsabbiltà hija mbagħad ittrasferita lill-ewwel Stat Membru, skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu [18].

63. Dawn l-eżempji jiżvelaw l-intenzjoni ċara tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jobbliga lill-Istat Membru li jagħmel it-talba *jġorr ir-riskju eventwali tal-impossibbiltà materjali tat-trasferiment* tal-applikant għall-ażil lejn l-Istat Membru li huwa, bħala prinċipju, responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali [19]. Kif diġà ġie indikat f'dawn il-konklużjonijiet [20], dan it-tip ta' riskju ma għandux ikollu effett sfavorevoli fuq id-dritt tal-persuna kkonċernata li l-applikazzjoni tagħha għall-ażil tiġi pproċessata bil-ħeffa meħtieġa.

64. Issa, interruzzjoni tad-dekors tat-terminu, probabbilment *sine die*, mill-Istat Membru li jagħmel it-talba, quddiem l-iċken diffikultà fl-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment, tmur preċiżament f'direzzjoni sfavorevoli. Is-soluzzjoni rrakkomandata mil-leġiżlatur tal-Unjoni fir-rigward tad-distribuzzjoni tar-riskji fil-ġestjoni tas-sistema stabbilita mir-Regolament Dublin III tiġi injorata jekk l-Istat Membru jkollu l-possibbiltà li jeħles mill-obbligi tiegħu billi jipprevjeni trasferiment ta' responsabbiltà skont l-Artikolu 29(2) ta' dan ir-regolament.

65. Il-kunsiderazzjonijiet li għadni kemm esprimejt huma iktar u iktar validi f'sitwazzjoni bħal dawn inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, jiġifieri kriżi tas-saħħa fuq livell dinji li, bħala *każ ta' forza maġġuri*, la tista' tiġi attribwita lill-applikant għall-ażil u lanqas lill-Istat Membru li huwa, bħala prinċipju, responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ippreżentati iktar 'il fuq, is-sistema stabbilita mir-Regolament Dublin III teħtieġ li l-Istat Membru li jkun ordna t-tneħħija tal-applikant għall-ażil ikun dak li għandu jġorr ir-riskju ta' impossibbiltà materjali eventwali li jwettaq l-imsemmi trasferiment.

66. Fil-fatt, din is-sitwazzjoni ma tippreżenta l-ebda differenza sostanzjali meta mqabbla ma' sitwazzjonijiet oħra, meqjusa bħala każijiet ta' forza maġġuri u li jistgħu jipprevjenu tali proċedura ta' trasferiment, bħall-marda għall-għarrieda tal-persuna kkonċernata, ħsara teknika mhux mistennija tal-ajruplan li suppost jagħmel it-titjira ta' trasferiment jew bidla f'daqqa fit-temp li tagħmel it-trasport impossibbli [21]. Skont il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, dawn is-sitwazzjonijiet ferm paragunabbli ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti [22].

67. Barra minn hekk, jidhirli li hemm bżonn li niġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li, fil-Gwida dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UE fil-qasam tal-proċeduri tal-asil u tar-ritorn u dwar ir-risistemazzjoni adottata fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 [23], il-Kummissjoni espressament tirrikonoxxi d-diffikultajiet li jaffaċċjaw l-Istati Membri f'kuntest

[18] Sentenza tas-16 ta' Frar 2017 (C-578/16 PPU, EU:C:2017:127, punt 89).

[19] Werdermann, D., "Dublin-Überstellungsfristen in der Coronakrise: Die Taschenspielertricks des BAMF", *Legal Tribune Online*, 9 ta' April 2020;. Dan l-awtur iqis li r-raġunijiet għall-impossibbiltà ta' trasferiment li jwassal għal estensjoni tat-terminu ġew irregolati b'mod eżawrjenti mill-Artikolu 29(2) tar-Regolament Dublin III. B'mod iktar konkret, huma koperti każijiet ta' priġunerija u ta' ħarba tal-applikant għall-ażil. Fil-każijiet l-oħra kollha, l-Istat Membru li ma jistax josserva t-terminu jġorr ir-riskju ta' impossibbiltà materjali eventwali ta' trasferiment u jipprevali d-dritt tal-applikant għall-ażil għal eżami rapidu tat-talba tiegħu għall-protezzjoni.

[20] Ara l-punt 57 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[21] Petterson, P., "Abschiebungen und Corona – Auswirkungen der Pandemie auf die Asylrechtsprechung", *Zeitschrift für Ausländerrecht und Ausländerpolitik*, Nru 7, 2020, p. 232. Dan l-awtur iqis li l-fatt li Stat Membru ma jistax jieħu l-inkarigu tal-persuni minħabba l-pandemija jikkostitwixxi każ ta' forza maġġuri.

[22] Sentenza tal-15 ta' April 2010, Gualtieri vs Il-Kummissjoni (C-485/08 P, EU:C:2010:188, punt 70).

[23] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "COVID-19: Gwida dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UE fil-qasam tal-proċeduri tal-asil u tar-ritorn u dwar ir-risistemazzjoni" (2020/C 126/02) (ĠU 2020, C 126, p. 12).

bħal dan. Madankollu, wara li għedt dan, għandu jiġi nnutat li l-Kummissjoni tisħaq fuq il-ħtieġa li "*jissoktaw bit-trasferimenti malli jkun possibbli fil-prattika* fid-dawl taċ-ċirkostanzi li qed jevolvu" (enfasi miżjuda minni).

68. Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fid-dokument imsemmi iktar 'il fuq li "[m]eta trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli ma jsirx fil-limitu ta' żmien applikabbli, ir-responsabbiltà *tgħaddi għand l-Istat Membru li jkun talab it-trasferiment* f'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regolament ta' Dublin [III]" jidhirli partikolarment rilevanti għall-finijiet tal-eżami tal-kawżi preżenti. Fil-fatt, din l-affermazzjoni għandha tinqara flimkien mal-evalwazzjoni li tinsab fl-istess paragrafu li l-"*ebda dispożizzjoni tar-Regolament ma tippermetti li wieħed jidderoga minn din ir-regola* f'sitwazzjoni bħal dik li tirriżulta mill-pandemija tal-COVID-19" (enfasi miżjuda minni). Din l-evalwazzjoni jidhirli li hija korretta u tikkonferma, barra minn hekk, l-interpretazzjoni adottata f'dawn il-konklużjonijiet [24].

3) Kunsiderazzjonijiet marbuta maċ-ċertezza legali fil-kuntest tal-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil

69. Inqis li huwa rilevanti li f'dan il-kuntest insemmi żewġ każijiet oħra ta' impossibbiltà materjali temporanja, diġà rregolati mil-leġiżlatur tal-Unjoni, li fihom l-Artikolu 29(2) tar-Regolament Dublin III jipprevedi, mhux interruzzjoni fid-dekors tat-terminu *sine die*, iżda estensjoni tat-terminu tat-trasferiment għal massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata jew sa massimu ta' 18-il xahar jekk il-persuna kkonċernata taħrab. Dawn l-eżempji juru li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu l-għan *li jistabbilixxi termini ċari fl-interess taċ-ċertezza legali*, billi jagħmel il-proċeduri tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil prevedibbli biżżejjed għall-Istati Membri kollha.

70. Dawn ix-xenarji, li kienu s-suġġett ta' leġiżlazzjoni speċifika, jikkorroboraw il-konstatazzjoni li, skont l-evalwazzjoni magħmula mil-leġiżlatur tal-Unjoni, deroga mill-għan ta' ħeffa tista' tiġi aċċettata biss b'mod eċċezzjonali u għal ċerti raġunijiet meqjusa leġittimi. Fost dawn ir-raġunijiet hemm l-imġiba (ħabs u ħarba) attribwibbli lill-applikant għall-ażil. Raġuni oħra hija l-ħtieġa li tiġi *ggarantita protezzjoni ġudizzjarja effettiva*, kif jirriżulta mir-relazzjoni bejn, minn naħa, l-Artikolu 27(3) u (4) u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III. Fi kliem ieħor, l-għan tal-ħeffa għandu jċedi għal interessi oħra protetti mil-leġiżlatur. Min-naħa l-oħra, f'ċirkustanzi li ma humiex attribwibbli għall-applikant jew li ma humiex marbuta mal-protezzjoni ġudizzjarja ta' dan tal-aħħar, huwa pjuttost l-Istat Membru li jagħmel it-talba li għandu jġorr ir-riskju li trasferiment jista' eventwalment isir impossibbli jew, tal-inqas, diffiċli biex jiġi organizzat [25].

71. Għaldaqstant, jidhirli li l-kunsiderazzjonijiet espressi mill-qorti tar-rinviju, li jissuġġerixxu l-eżistenza ta' "vojt legali involontarju", li jwassal għall-applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III u li jippermettu l-interruzzjoni tat-terminu ta' trasferiment, stabbilit mill-Artikolu 29(1) ta' dan ir-regolament, huma infondati. Għall-kuntrarju, l-eżempji msemmija fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet jimmilitaw favur

[24] Neumann, C., "Offene Fragen rund um die Aussetzung der sofortigen Vollziehung in Dublin-Verfahren durch das BAMF", *Zeitschrift für Ausländerrecht und Ausländerpolitik*, Nru 9, 2020, p. 319. Dan l-awtur iqis li s-sitwazzjoni tas-saħħa ma tiġġustifikax interruzzjoni tad-dekors tat-terminu ta' trasferiment, kif previst fir-Regolament Dublin III. L-awtur jargumenta wkoll kontra applikazzjoni b'analoġija għar-raġuni li, fl-opinjoni tiegħu, ma hemm l-ebda lakuna legali. Jinterpreta l-linji gwida tal-Kummissjoni fis-sens li t-termini msemmija iktar 'il fuq ma humiex suġġetti għar-rieda tajba tal-Istati Membri jew jitħallew fid-diskrezzjoni tagħhom.

[25] Ara, f'dan is-sens, Lehnert, M., u Werdermann, D., "Aussetzungen der Dublin-Überstellungen durch das Bundesamt für Migration und Flüchtlinge während der Corona-Krise", *Neue Zeitschrift für Verwaltungsrecht*, Vol. 39 Nru 18, 2020, p. 1310.

interpretazzjoni favorevoli *għat-trasferiment tar-responsabbiltà lill-Istat Membru li jagħmel it-talba jekk it-trasferiment ma jsirx fi żmien sitt xhur*, skont l-Artikolu 29(2) tal-imsemmi regolament.

72. Jien għalhekk nikkondividi d-dubji espressi mill-Gvern Svizzeru fir-rigward ta' interpretazzjoni wiesgħa żżejjed tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III. B'mod partikolari, nikkunsidra li l-fatt li l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali jiġu permessi jissospendu l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment "sa avviż ieħor" (bil-Ġermaniż "bis auf Weiteres") u għalhekk, għall-inqas għalissa, b'mod indefinit, ikun ta' *preġudizzju għaċ-ċertezza legali* għar-raġuni li l-Istati partijiet fis-sistema ta' Dublin ma jkunux jistgħu jibqgħu jistrieħu fuq termini stretti.

73. Inċertezzi oħra jirriżultaw, barra minn hekk, mill-fatt li, fil-kuntest ta' interpretazzjoni bħal din proposta mill-qorti tar-rinviju, l-Istati parti fis-sistema ta' Dublin ikunu jistgħu minn issa 'l quddiem jinvokaw ostakoli fattwali għat-trasferiment, li jkollhom bħala effett, kull darba, li jinterrompu t-terminu ta' trasferiment, li jerġa' jibda jgħaddi biss hekk kif tkun terġa' teżisti l-possibbiltà ta' trasferiment. Madankollu, dan iqanqal il-biża' li tali interpretazzjoni tista' twassal għal problemi sensittivi ta' ġurisdizzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati. Il-funzjonament tajjeb tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil għalhekk ikun *kompromess b'mod sinjifikattiv*.

2. Konklużjoni intermedja

74. Għar-raġunijiet imsemmija iktar 'l fuq, inqis li l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III għandu jiġi interpretat bħala li jkopri deċiżjonijiet ta' sospensjoni meħuda mill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali minħabba li jkun hemm *dubji dwar il-legalità tad-deċiżjoni ta' trasferiment mqajma fil-kuntest tal-appell ippreżentat mill-persuna kkonċernata*. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni ma tkoprix id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali li jittieħdu għal raġunijiet oħra, b'mod partikolari l-interess ta' dawn tal-aħħar li jaraw li d-deċiżjoni tiġi sospiża sabiex jiġi evitat trasferiment ta' responsabbiltà lill-Istat li jagħmel it-talba.

D. Il-motivi invokati mill-awtoritajiet amministrattivi Ġermaniżi li ordnaw is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali

1. L-allegata impossibbiltà materjali ta' eżekuzzjoni, li tista' tivvizzja d-deċiżjoni ta' trasferiment b'illegalità

75. Il-kwistjoni li mbagħad tqum hija jekk l-allegata impossibbiltà materjali ta' trasferiment ta' persuna li qed tfittexażil minħabba l-pandemija tal-COVID-19, fiċ-ċirkustanzi deskritti mill-qorti tar-rinviju, tikkostitwixxix bażi leġittima għall-awtoritajiet nazzjonali biex jinvokaw dawn id-dispożizzjonijiet. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jiġi eżaminat jekk id-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet amministrattivi Ġermaniżi fil-kawżi prinċipali taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, kif iddefinit fil-punt 74 ta' dawn il-konklużjonijiet.

76. Kif ġie spjegat fil-punti preċedenti, meta tiġi eżaminata l-portata tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, huwa determinanti li jsir magħruf jekk id-dubji dwar il-legalità tad-deċiżjoni ta' trasferiment, li jirriżultaw minn impossibbiltà li jsir it-trasferiment minħabba l-pandemija tal-COVID-19, *tqajmux fil-kuntest tal-appell* ippreżentat mill-persuna kkonċernata.

77. Skont l-informazzjoni mogħtija mill-qorti tar-rinviju, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ordnata mill-awtoritajiet Ġermaniżi hija marbuta mal-protezzjoni ġudizzjarja f'każ ta' impossibbiltà temporanja ta' trasferiment, peress li t-tneħħija tista' tiġi ordnata biss hekk kif jiġi stabbilit li din tista' ssir. Il-qorti tar-rinviju tispjega li, skont id-dritt Ġermaniż, jekk tneħħija ma tkunx possibbli, il-legalità tal-ordni ta' tneħħija hija dubjuża. Dan l-argument jista' jinftiehem fis-sens li l-Uffiċċju kien qiegħed isostni li, b'din is-sospensjoni, *evita li jkollu jeżegwixxi deċiżjoni amministrattiva vvizzjata b'illegalità*.

78. Eżami tal-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali jġagħalni, madankollu, naħseb li l-awtoritajiet amministrattivi Ġermaniżi setgħu ddeċidew, fir-realtà, li jissospendu l-eżekuzzjoni tat-trasferiment tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali għal raġunijiet li ma humiex koperti mill-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III. Fil-fatt, ċerti indizji jissuġġerixxu li dawn l-awtoritajiet amministrattivi adottaw miżura li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' din id-dispożizzjoni. Se nfisser, qabel kollox, l-opinjoni tiegħi f'analiżi mmirata biex tistabbilixxi *l-limiti li d-dritt tal-Unjoni jimponi fuq il-marġni ta' manuvra tal-Istati Membri meta japplikaw din id-dispożizzjoni*. Imbagħad ser nindika l-elementi li, fil-fehma tiegħi, iqajmu dubji dwar l-applikazzjoni korretta tagħha.

2. Ir-rekwiżit ta' "appell" jew talba għal "reviżjoni" pendenti "quddiem qorti jew tribunal" amministrattivi nazzjonali

79. Għandu jiġi rrilevat mill-bidu li l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III jgħid b'mod inekwivoku li "l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jaġixxu *ex officio* fis-sospensjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tat-trasferiment *sakemm iseħħ l-eżitu tal-appell jew reviżjoni*" (enfasi miżjuda minni). Kif diġà ġie indikat f'dawn il-konklużjonijiet[26], din id-dispożizzjoni tippermetti lill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali jqisu l-għan li tiġi ggarantita protezzjoni ġudizzjarja effettiva lil applikant għall-ażil.

80. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, kif jirriżulta, fl-ewwel lok, mit-terminoloġija użata fl-imsemmija dispożizzjoni u, fit-tieni lok, minn qari meħud flimkien mal-paragrafu 1 tagħha ("quddiem qorti jew tribunal"), l-awtoritajiet amministrattivi ma jistgħux jiddeċiedu huma stess fuq tali "appell" jew tali talba għal "reviżjoni", u li l-qorti kompetenti li tisma' t-tilwima biss għandha din is-setgħa. Fi kliem ieħor, l-awtoritajiet amministrattivi jistgħu jibdew is-*sospensjoni ex officio*, iżda mhux l-*istħarriġ ġudizzjarju* nnifsu li fid-dawl tiegħu tittieħed tali miżura.

81. Is-sospensjoni mill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment mingħajr ma jkun hemm ebda tilwima pendenti quddiem qorti ma tistax għalhekk tiġi kkunsidrata bħala miżura koperta mill-bażi legali msemmija iktar 'il fuq, peress li ma tteħditx "sakemm iseħħ l-eżitu tal-appell jew reviżjoni". Għaldaqstant, tali sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment ma jistax ikollha l-effett li tinterrompi d-dekors tat-terminu ta'

[26] Ara l-punt 55 ta' dawn il-konklużjonijiet.

trasferiment bis-saħħa tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III. L-istess japplika għal deċiżjoni ta' sospensjoni adottata sussegwentement, jiġifieri wara li tkun ingħatat sentenza finali mill-qorti kompetenti.

82. Mistoqsi waqt is-seduta dwar il-portata tal-prattika amministrattiva tal-Uffiċċju inkwistjoni, il-Gvern Ġermaniż afferma li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet dwar applikanti għall-ażil ma kinitx ġiet sospiża għal kulħadd, iżda *biss għal dawk li kienu ppreżentaw appell quddiem il-qrati amministrattivi nazzjonali*. Dan huwa, fuq kollox, il-każ tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali. Għalhekk, għandu jiġi nnutat f'dan l-istadju tal-analiżi li kundizzjoni essenzjali għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, marbuta mal-eżistenza ta' appell pendenti, ġiet issodisfata f'dan il-każ.

3. Is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment "sa avviż ieħor" tmur lil hinn mil-limiti imposti mid-dritt tal-Unjoni

83. Għalkemm r-Regolament Dublin III huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri, jibqa' l-fatt li uħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu jirrikjedu li wieħed jirrikorri għad-dritt nazzjonali għall-finijiet tal-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Dan huwa partikolarment il-każ għar-regoli nazzjonali dwar il-proċedura, li għandhom jiġu interpretati skont it-test u l-iskop tad-dritt tal-Unjoni. Kif jirriżulta mill-interpretazzjoni mwettqa f'dawn il-konklużjonijiet[27], l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III jeħtieġ li jkun hemm rabta intrinsika bejn l-appell ippreżentat minn deċiżjoni ta' trasferiment quddiem il-qorti u l-effett sospensiv mogħti mill-awtoritajiet amministrattivi. L-espressjoni "*sakemm iseħħ l-eżitu* tal-appell" (enfasi miżjuda minni) tindika li d-deċiżjoni li tissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment *għandha tibqa' fis-seħħ sa tmiem il-proċedura ġudizzjarja pendenti*.

84. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-Uffiċċju ssospenda l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' tneħħija "sa avviż ieħor", skont l-Artikolu 80(4) tal-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva. Dan ifisser li huwa mistenni li d-deċiżjoni tat-trasferiment inkwistjoni tiġi eżegwita hekk kif l-Uffiċċju jidhirlu xieraq. Il-frażi "sa avviż ieħor" tinvolvi, mil-lat semantiku, ir-rikonoxximent ta' *marġni wiesa' ta' manuvra* li, fil-fehma tiegħi, imur lil hinn sew mil-latitudni mogħtija mill-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III lill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali.

85. Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li tipprovdi din id-dispożizzjoni, sospensjoni skont l-Artikolu 80(4) tal-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva, bl-ebda mod ma teħtieġ li jkun ġie ppreżentat "appell" jew li tkun tressqet talba għal "reviżjoni" quddiem qorti. Barra minn hekk, l-espressjoni "sa avviż ieħor" timplika li s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' att amministrattiv tkun ordnata suġġetta għal deċiżjoni sussegwenti, *imħollija għad-diskrezzjoni unika tal-awtoritajiet amministrattivi*[28].

86. Fin-nuqqas ta' informazzjoni preċiża, huwa loġiku li wieħed jassumi li din is-setgħa diskrezzjonali invokata f'dan il-każ mill-awtoritajiet amministrattivi tinkludi saħansitra l-possibbiltà li jiġi *ddeterminat it-tul tas-sospensjoni*, filwaqt li l-Artikolu 27(4) tar-Regolament

[27] Ara l-punti 47 sa 74 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[28] Neumann, C., "Offene Fragen rund um die Aussetzung der sofortigen Vollziehung in Dublin-Verfahren durch das BAMF", *Zeitschrift für Ausländerrecht und Ausländerpolitik*, Nru 9, 2020, p. 318. Dan l-awtur jagħraf li f'sitwazzjoni ta' pandemija, jista' jkun hemm dubji dwar il-legalità ta' deċiżjoni ta' trasferiment. Madankollu, huwa jqis li sospensjoni tal-eżekuzzjoni abbażi tal-Artikolu 80(4) tal-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva ma hijiex verament intiża biex tiggarantixxi stħarriġ ġudizzjarju, iżda pjuttost biex tpoġġi lill-awtoritajiet amministrattivi f'pożizzjoni li jerġgħu jibdew it-trasferimenti, wara revoka tad-deċiżjoni li tiġi sospiża l-eżekuzzjoni, hekk kif id-diffikultajiet prattiċi marbuta mal-pandemija jkunu għebu.

Dublin III jippermetti biss tali sospensjoni "sakemm iseħħ l-eżitu tal-appell jew reviżjoni", jiġifieri għat-*tul tal-litigazzjoni*, biex l-applikant għall-ażil ma jiġix irritornat lejn il-fruntiera qabel ma l-qorti adita tkun iddeċidiet dwar il-legalità tad-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-marġni ta' manuvra mogħtija mil-leġiżlatur tal-Unjoni lill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali għandha għalhekk *għan speċifiku* u hija, bħala prinċipju, *limitata fiż-żmien*. Dawn l-aspetti jikkonfermawli li hemm differenzi fundamentali bejn l-approċċ segwit mill-Uffiċċju u l-qafas regolatorju stabbilit mid-dritt tal-Unjoni.

87. B'mod iktar konkret, ma jistax jiġi eskluż li s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' trasferiment tkun immotivata minn interessi speċifiċi tal-awtoritajiet amministrattivi u, b'mod partikolari, *l-interess li jiġi evitat trasferiment tar-responsabbiltà* lejn l-Istat Membru li jagħmel it-talba, jiġifieri, f'dawn il-kawżi, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III, minħabba d-diffikultà tal-awtoritajiet amministrattivi ta' dan l-Istat Membru biex iwettqu trasferimenti fil-ħin matul il-kriżi tas-saħħa [29]. Interruzzjoni tad-dekors tat-terminu ta' sitt xhur taħt l-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III kienet tippermetti lill-awtoritajiet amministrattivi li jkollhom "żmien addizzjonali" biex jeżegwixxu t-trasferimenti.

88. Din l-ipoteżi jidhirli li hija kkorroborata, għall-inqas parzjalment, mill-ispjegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali li, matul is-seduta, irreferew għall-isfidi organizzattivi li l-awtoritajiet Ġermaniżi kellhom jaffaċċjaw. Madankollu, applikazzjoni tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III mmotivata minn dan it-tip ta' kunsiderazzjonijiet tmur kontra l-għan ta' pproċessar rapidu tal-applikazzjonijiet għall-ażil, imsemmi fil-premessa 5 ta' dan ir-regolament [30]. Fil-fatt, sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment għal *perijodu indefinit* għandha l-effett li ttawwal bla bżonn iż-żmien ta' stennija tal-persuna kkonċernata, filwaqt li dan iż-żmien jista' jintuża biex tiġi eżaminata l-applikazzjoni tagħha għall-ażil.

89. Kif enfasizzat ġustament il-Kummissjoni waqt is-seduta, jidher inaċċettabbli li persuna li tapplika għall-protezzjoni internazzjonali tinżamm f'sitwazzjoni ta' inċertezza legali għal żmien twil. Barra minn hekk, għandu jitqies il-fatt li, peress li t-tmiem ta' pandemija globali bħal din tal-COVID-19 ma jistax jitbassar b'biżżejjed ċertezza, l-approċċ segwit mill-Uffiċċju jkun jammonta fil-prattika għal posponiment *sine die*, li jkollu l-effett li jipparalizza s-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Issa, huwa ovvju li riżultat bħal dan ikun assolutament mhux mixtieq. Approċċ bħal dan jippreġudika ċ-ċertezza legali u jikkompromett i l-funzjonament tajjeb tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil [31].

4. Is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment ma jistax ikollha bħala l-għan ewlieni tagħha li tiġi evitata r-responsabbiltà tal-Istat li jagħmel it-talba.

90. Fir-rigward speċifiku tar-raġunijiet konkreti li kienu jwasslu lill-Uffiċċju biex jissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' trasferiment, nosserva li l-argumenti mressqa mill-Gvern Ġermaniż u mill-qorti tar-rinviju, li għandhom it-tendenza li jenfasizzaw *il-prevalenza tal-interess tal-Istat Membru li beħsiebu jipproċedi bit-trasferiment fuq dak tal-applikant*

[29] Petterson, P., "Abschiebungen und Corona – Auswirkungen der Pandemie auf die Asylrechtsprechung", *Zeitschrift für Ausländerrecht und Ausländerpolitik*, Nru 7, 2020, p. 232. Dan l-awtur jikkunsidra li awtorità amministrattiva nazzjonali ma tistax tinterrompi, kif jidhrilha, id-dekors tat-terminu tat-trasferiment. Dan it-terminu huwa meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, jiġifieri biex tiġi żgurata l-protezzjoni legali ta' min japplika għall-ażil. Sospensjoni għall-iskop uniku ta' interruzzjoni tad-dekors ta' dan it-terminu tikkostitwixxi pjuttost "abbuż tad-drittijiet". L-awtur iqis li l-approċċ segwit mill-Uffiċċju ma huwiex intiż biex jiggarantixxi protezzjoni ġudizzjarja.

[30] Ara l-punt 57 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[31] Ara l-punti 69 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

għall-ażil, huma sa ċertu punt f'kontradizzjoni mar-raġunament magħmul ukoll minn dan il-gvern, fejn id-deċiżjoni ta' sospensjoni msemmija iktar 'il fuq kienet tittieħed fl-interess li tiġi ggarantita protezzjoni ġudizzjarja effettiva għal dawk li jfittxu ażil. Din l-inkoerenza fl-argument tqajjem dubji dwar il-motivi reali tal-approċċ adottat mill-Uffiċċju.

91. Fl-aħħar, għandu jiġi rrilevat, għal skopijiet ta' kompletezza, li mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Uffiċċju li jissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment ittieħdet biss wara li qorti Ġermaniża ċaħdet it-talba għal miżuri provviżorji tar-rikorrenti sabiex l-appell tagħhom ikollu effett sospensiv. Għaldaqstant, il-qorti kompetenti kienet diġà ddeċidiet minn qabel u b'mod sfavorevoli dwar il-ħtieġa li tingħata lir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali protezzjoni ġudizzjarja provviżorja. Għalhekk huwa loġiku li wieħed jassumi li *din id-deċiżjoni ġudizzjarja kienet immotivata minn raġunijiet differenti ħafna minn dik meħuda sussegwentement*, jiġifieri matul il-kriżi tas-saħħa, mill-awtoritajiet amministrattivi.

92. Id-deċiżjoni meħuda mill-Uffiċċju li jissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment għalhekk *ma jidhirlix li ttieħdet bl-intenzjoni li wieħed jistenna l-"eżitu" tal-proċedura ġudizzjarja*, kif meħtieġ mill-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, iżda fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet mhux relatati ma' dawk imsemmija f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri bil-għan li jiġi evitat trasferiment ta' responsabbiltà skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III. F'każ bħal dan, l-eżistenza eventwali ta' tilwima quddiem qorti kienet tkun biss *ċirkustanza aċċidentali* [32]. Minn dan il-lat, l-argument imressaq mill-Gvern Ġermaniż, li l-awtoritajiet amministrattivi Ġermaniżi fl-aħħar mill-aħħar "taw deċiżjoni favorevoli għat-talba għal protezzjoni ġudizzjarja tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali", ma jidhirlix li huwa konvinċenti.

93. F'dawn iċ-ċirkustanzi, tqum il-kwistjoni dwar jekk ma kienx ikun iktar għaqli, quddiem l-impossibbiltà materjali li jitwettaq trasferiment, li tiġi rrevokata d-deċiżjoni ta' tneħħija meħuda fil-konfront tal-persuna kkonċernata u li tintrefa' r-responsabbiltà li tiġi eżaminata l-applikazzjoni tagħha għall-protezzjoni internazzjonali, bis-saħħa tal-klawżola diskrezzjonali tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Dublin III. Ta' min ifakkar li, skont l-Artikolu 67(2) u l-Artikolu 80 TFUE, is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, li minnha jifforma parti r-Regolament Dublin III, hija bbażata fuq "is-solidarjetà bejn l-Istati Membri" u t-"tqassim ġust tar-responsabbiltà" fost dawn tal-aħħar. Kif jirriżulta mill-premessa 22 ta' dan ir-regolament, din is-solidarjetà tikkostitwixxi "element ċentrali" ta' din is-sistema. L-approċċ propost kien jirrifletti solidarjetà ikbar, b'mod partikolari lejn dawk l-Istati Membri li qed jaffaċċjaw kemm il-konsegwenzi tal-kriżi tas-saħħa kif ukoll flussi migratorji sinjifikattivi [33].

94. Ċertament, ma jistax jiġi eskluż li, fil-każijiet fejn tilwima tkun pendenti quddiem qorti nazzjonali, l-argument dwar l-impossibbiltà materjali li titwettaq deċiżjoni ta' trasferiment jista' wkoll ikun is-suġġett tat-tilwima pendenti quddiem il-qorti amministrattiva. Madankollu, dan ikun jeħtieġ li *d-dritt proċedurali nazzjonali jippermetti lill-partijiet iressqu dan l-argument fil-kuntest ta' din it-tilwima*. F'dan il-każ, ikun leġittimu li jiġi affermat li deċiżjoni ta' sospensjoni ttieħdet fil-fatt "*sakemm* iseħħ l-eżitu tal-appell jew reviżjoni" fis-sens tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III (enfasi miżjuda minni). Kif diġà spjegajt f'dawn il-konklużjonijiet [34], din

[32] Lehnert, M. u Werdermann, D., "Aussetzungen der Dublin-Überstellungen durch das Bundesamt für Migration und Flüchtlinge während der Corona-Krise", *Neue Zeitschrift für Verwaltungsrecht*, Vol. 39, Nru 18, 2020, p. 1310 u 1311. Dawn l-awturi jqisu li d-deċiżjoni li tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' trasferiment ma ttieħdetx "*minħabba* appell" iżda pjuttost "*fl-okkażjoni ta'* appell" (enfasi miżjuda minni. Skont l-awturi, id-deċiżjonijiet ta' sospensjoni ma jippermettux li tiġi identifikata raġuni marbuta mal-persuni kkonċernati, li tiġġustifika deroga mill-għan ta' ħeffa.

[33] Ara s-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Jafari (C-646/16, EU:C:2017:586, punt 100).

[34] Ara l-punt 74 ta' dawn il-konklużjonijiet.

id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li tirreferi għal deċiżjonijiet ta' sospensjoni meħuda mill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali minħabba d-dubji mqajma fl-appell ippreżentat mill-persuna kkonċernata dwar il-legalità tad-deċiżjoni ta' trasferiment.

95. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi osservat, fir-rigward tal-kawżi prinċipali, li ma hemm ebda indikazzjoni li l-illegalità allegata bbażata fuq impossibbiltà materjali li jitwettaq it-trasferiment tqajmet fil-kuntest tal-appelli mressqa mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali. Fi kwalunkwe każ, id-digrieti tar-rinviju ma fihom ebda informazzjoni speċifika f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, jidhirli li, anki f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III ma humiex issodisfatti f'dan il-każ.

96. Wara li ntqal dan, inqis li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-fatti sabiex tistabbilixxi biċ-ċertezza meħtieġa jekk ir-raġunament adottat mill-Uffiċċju għall-finijiet tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' trasferiment kienx jikkonsisti *esklużivament fil-prevenzjoni ta' trasferiment tar-responsabbiltà* lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja bis-saħħa tal-Artikolu 29(2) tar-Regolament Dublin III, minħabba d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet amministrattivi Ġermaniżi biex iwettqu trasferimenti fi żmien xieraq matul il-kriżi tas-saħħa jew *biex jiggarantixxu protezzjoni ġudizzjarja effettiva* lir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali [35]. Fl-ewwel xenarju, interruzzjoni tad-dekors tat-terminu tat-trasferiment għandha tiġi esklużа.

97. Fit-tieni xenarju, *il-possibbiltà li jiġi interrott id-dekors tat-terminu tat-trasferiment għandha tkun suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet*. B'mod iktar konkret, l-Uffiċċju għandu jkollu d-dritt li jinvoka l-Artikolu 27(4) u l-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III minħabba l-impossibbiltà materjali temporanja li jitwettqu t-trasferimenti għar-raġuni tal-pandemija tal-COVID-19 sa fejn id-deċiżjoni ta' sospensjoni kienet ittieħdet minħabba dubji dwar il-legalità tad-deċiżjoni ta' trasferiment imqajma fil-kuntest ta' appell minn deċiżjoni ta' trasferiment jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment tal-persuna kkonċernata.

5. Konklużjoni intermedja

98. Hemm indikazzjonijiet li l-Uffiċċju seta' ssospenda l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' trasferiment sabiex jevita trasferiment ta' responsabbiltà, wara l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament Dublin III, minħabba diffikultajiet biex isiru trasferimenti f'waqthom tal-applikanti għall-ażil lejn Stati Membri oħra matul il-kriżi tas-saħħa.

99. Sa fejn *tali raġuni ma tikkostitwixxix, fiha nnfisha, raġuni leġittima li tista' tiġġustifika interruzzjoni tat-terminu ta' trasferiment* bis-saħħa tal-Artikolu 27(4) u tal-Artikolu 29(1), tal-imsemmi regolament, jidher li huwa xieraq li l-qorti tar-rinviju tintalab tistabbilixxi jekk id-deċiżjoni ta' sospensjoni ttieħditx *prinċipalment minħabba dubji dwar il-legalità tad-deċiżjoni ta' trasferiment*.

[35] F'dan il-kuntest, għandu jiġi osservat li l-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) tirrikonoxxi fil-ġurisprudenza tagħha r-riskju ta' "abbuż ta' drittijiet" fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Dublin III, fost l-oħrajn fl-ipoteżi fejn deċiżjoni ta' sospensjoni tat-trasferiment tkun tittieħed mill-awtoritajiet amministrattivi Ġermaniżi *bl-uniku għan li jinterrompu d-dekors tat-terminu*, għar-raġuni li din l-iskadenza ma setgħetx tiġi rrispettata minħabba nuqqasijiet tal-amministrazzjoni (ara s-sentenza tal-Bundesverwaltungsgericht tat-8 ta' Jannar 2019, BVerwG 1 C 16.18, punt 27).

100. Għandu madankollu jiġi ppreċiżat li tali motiv huwa rilevanti biss għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq jekk id-dubji fir-rigward tal-legalità jkunu *tqajmu quddiem qorti fil-kuntest ta' tilwima*, jiġifieri appell minn deċiżjoni ta' trasferiment jew talba għal reviżjoni tal-persuna kkonċernata.

VI. Konklużjoni

101. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja) kif ġej:

1. L-amministrazzjoni tal-Istat Membru li jagħmel it-talba għandha, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-possibbiltà li tissospendi l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment u, għaldaqstant, li tinterrompi d-dekors tat-terminu ta' trasferiment bis-saħħa tal-Artikolu 27(4), u tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida.

2. L-amministrazzjoni tal-Istat Membru li jagħmel it-talba tista' teżerċita din il-possibbiltà sakemm is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tkun ġiet ordnata prinċipalment minħabba dubji dwar il-legalità tad-deċiżjoni ta' trasferiment, imqajma quddiem qorti nazzjonali fil-kuntest ta' appell minn deċiżjoni ta' trasferiment jew talba għal reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment tal-persuna kkonċernata.

3. Peress li l-interess tal-amministrazzjoni li tevita trasferiment ta' responsabbiltà lill-Istat Membru li jagħmel it-talba wara l-iskadenza tal-perijodu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament Nru 604/2013, minħabba diffikultajiet fit-twettiq ta' trasferimenti f'waqthom ta' applikanti għall-ażil lejn Stati Membri oħrajn matul il-pandemija tal-COVID-19, fih innifisu, ma jikkostitwixxix raġuni leġittima li tista' tiġġustifika interruzzjoni fid-dekors tat-terminu ta' trasferiment attwali, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi r-raġunijiet li wasslu lill-amministrazzjoni biex tissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' trasferiment ikkonċernati.